MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1241/2002

**Cassar Ship Repair Limited**

**Vs**

**M/V Northella**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettit illi hija depozitarja tal-bastiment konvenut li baqa' mholli ghandha ghall-kustodja, kura u preservazzjoni, wara li ma giex realizzat progett ta' produzzjoni ta' *film* li kellha tipproduci s-socjeta' Dutch Film Unit BV proprjetarja tal-istess bastiment, u dan b'rati ta' hlas prestabbiliti.

Premess illi l-bastiment konvenut baqa’ qatt ma hallas ir-rati dovuti li baqghu m’hux imhallas sal-lum, u issa l-imsemmija socjeta’ proprijetarja qieghda fi stadju ta’ likwidazzjoni.

Premess illi sat-18 ta’ Settembru 2002, il-bastiment konvenut gie ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u tmenin elf sitt mija u sittax il-lira Maltija (Lm81,616), kif jidher minn *statement* hawn anness u markat dokument A, salvi rati ohra li jiskadu wara din id-data.

Premess illi din is-somma ta’ Lm81,616 hekk dovuta baqghet ma gietx imhallsa nonostante *statements* mibghuta perjodikament u interpellazzjonijiet ohra ghal hlas.

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu, u dovut u jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-konvenut m’ghandux ikollu eccezzjonijiet x’jaghti.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma fuq imsemmija ta’ wiehed u tmenin elf sitt mija u sittax il-lira Maltija (Lm81,616) ghar-ragunijiet fuq ukoll imsemmija ; u

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond id-dispost tal-artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali *a scaletta* sal-jum tal-effettiv pagament kontra l-konvenut u salvi rati ohra li jiskadu wara d-data tat-18 ta’ Settembru 2002.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in**-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-procedura li s-socjeta' attrici intavolat fil-konfront tal-konvenut hija dik *'actio in rem'*, liema procedura titlob li jkun jezisti wiehed mir-rekwiziti elenkati fil-ligijiet – Vice Admiralty Court Act, 1840 jew Admiralty Court Act, 1861, liema rekwizit ma jezistiex f'dan il-kaz u ghaldaqstant l-procedura ta' *'actio in rem'* fil-kawza odierna hija inkorretta u l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici ;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bastiment Mv Northella ma huwiex responsabbli ghat-talbiet tal-attur ghar-raguni li s-socjeta' estera Dutch Film Unit BV, sid il-bastiment, qatt ma dahlet f'ebda ftehim mas-socjeta' attrici u qatt ma ikkuntrattat servizz mas-socjeta' attrici. Is-socjeta' li ftehim mas-socjeta' attrici kienet Ocean Warrior BV, socjeta li kriet il-bastiment Mv Northella minghand Dutch Film Unit BV sabiex tahdem film hawm Malta, ghaldaqstant il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;

3. Illi, bla pregudizzju ghal-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet, jekk il-Qorti tikkunkludi li l-konvenut huwa l-legittimu kontradittur, s-socjeta' attrici ma ipprovdietx dawk is-servizzi li kellha tipprovdi skond l-ftehim bejnha u bejn is-socjeta' Ocean warrior BV, li ghalih qed titlob il-hlas.

4. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, anki l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici huwa eccessiv u mhux dovut mill-konvenut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

F’dina l-eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu li huma m’humiex il-legittimi kontraditturi u li ma hemmx ir-rekwiziti mehtiega bil-ligi sabiex is-socjeta attrici tintavola proceduri in rem.

Il-konvenuti spjegaw li l-bastiment Northella kien mikri (chartered) mis-socjeta’ Olandiza Ocean Warrior BV minghand is-sidien, Dutch Film Unit BV, il-konvenuti, sabiex il-bastiment jintuza f’film u kienet is-socjeta’ Ocean Warrior li ghamlet l-arrangamenti mas-socjeta attrici rigward l-irmigg tal-bastiment gewwa t-tarzna tas-socjeta’ attrici. Ghalhekk f’dan il-kaz, skond il-konvenuti, l-atturi ma setghux jipprocedu legalment kontra l-bastiment jew is-sidien tieghu, u kull azzjoni kellha ssir in personam kontra c-*charterer*.

L-atturi esebew id-dokument a fol. 33 Dok X1 li jindika li l-ftehim biex il-bastiment jinzamm ghand l-atturi kien sar ma Bous de Jong bhala direttur tas-socjeta konvenuta. Dan id-dokument jikkonferma li l-hlas kellu jsir fuq il-ftehim li ntlahaq ma’ de Jong li kien accetta li jhallas skond ir-rati mifehema. Kien biss wara li sar dan il-ftehim li l-bastiment thalla jirmigga ghand is-socjeta’ attrici. L-atturi kienu jibghatu *invoices* lill konvenuti biex ihallsu perjodikament u dawn qatt ma attiraw l-attenzjoni ta’ l-atturi li l-pagamenti ma kienux dovuti minnhom, jew li ma kienux huma li hallew il-bastiment ghandhom. Inoltre l-konvenuti ma gabu ebda prova dwar l-allegat *charter*/kiri tal-bastiment.

Fil-kaz in ezami l-atturi qed ifittxu ghall-kustodja, kura u preservazzjoni tal-bastiment li kien thalla fit-tarzna taghhom, minghajr kaptan u crew. Is-sid tal-bastiment konvenut kien accetta (ara Dok X1) li jkun hemm *watchman* abbord u ghall xi zmien li jkun provdut *b’electrical power supply*. Dawn il-prestazzjonijiet, li s-socjeta’ attrici kellha taghti lill bastiment, jinkawdraw ruhhom fl-interpretazzjoni ta’ *necessaries* invokati mill-konvenut ai fini tal-ligi imsemmija minnu. Kif jikteb l-awtur Chritopher Hill fil-ktieb Maritime Law, 5th Ed. Pagna 99,

"*necessaries" are "all that is fit and proper for the service in which the ship is engaged and that the owner, as a prudent man, would have ordered if he had been present."* Fil-kaz in ezami s-sid stess kien ordna li jinghataw dawk is-servizzi indikati fid-Dok X1.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut huwa legittimu kontradittur u l-azzjoni attrici setghet issir kontra l-bastiment li hu proprjeta ta' Dutch Film Unit BV.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut
u tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghat-Tnejn, 6 ta' Ottubru, 2003.

--------------------------------TMIEM--------------------------------